# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 697/2017 MH**

**Illum, 2 ta' Frar, 2018**

**Paul Vella (K.I.88861M) u Rita Carmen Vella (K.I.113564M)**

**Vs**

**Dr Darien Cini (K.I.389685M) u**

**Dr Amanda Marie Cini (K.I. 296086M)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors**[1] ta' l-atturi Paul u Rita Carmen konjugi Vella li gie prezentat fit-2 ta' Awwissu 2017 li permezz tieghu esponew:

1. *"Illi fuq it-talba tal-intimati, nhar il-5 ta' Awissu 2015, l-esponenti (li jigu l-genituri tal-intimata Dr Amanda Marie Cini) issomministraw self brevi manu permezz ta' cheque tal-Bank of Valletta, kopja hawn annessa u mmarkata 'Dok. A' lill-intimati bl-iskop li tigi akkwistata vettura tat-tip Audi Q5, li llum ghandha n-numru tar-registrazzjoni TID008;*

[1] Folio 1

2. *Illi minkejja t-trapass taz-zmien, l-intimati baqghu ma hallsu xejn minn dan l-ammont;*

3. *Illi l-esponenti, permezz ta' ittra datata 31 ta' Marzu 2017, li kopja taghha tinsab annessa u mmarkata 'Dok. B' interpellaw lill-intimati ghall-hlas;*

4. *Illi ghad li z-zewg intimati kkonfermaw l-ezistenza tad-debitu, permezz ta' l-ittri rispettivi taghhom hawn annessi u mmarkati 'Dok. C' u 'Dok. D' rispettivament baqghu moruzi u dan billi ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, liema raguni mhijiex sufficjenti sabiex ma jhallsux dak minnhom dovut;*

5. *Illi ghalhekk l-esponenti interpellaw l-intimati ghall-hlas mill-gdid u dan permezz ta' ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra l-konvenuti rispettivament kkontestawha b' risposti generici. Kopja tal-ittra ufficcjali u tar-risposti tinsab annessa u mmarkata 'Dok. E';*

6. *Illi inoltre, sabiex jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom, l-esponenti intavolaw ukoll talba ghall-hrug ta' mandat ta' qbid fl-istess ismijiet fuq premessi numru 1006/2017 u sabiex jehles mill-effetti tal-mandat il-konvenut iddepozita s-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) permezz ta' cedola ta' depozitu datata 13 ta' Lulju 2017 annessa u mmarkata 'Dok. F';*

7. *Illi minkejja l-oppozizzjoni tal-intimati hu car li dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

8. *Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Illi r-raguni ta' din it-talba hi li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) liema somma tirraprezenta self brevi manu somministrat mill-esponenti lill-intimati bl-iskop li tigi akkwistata vettura, liema dejn hu cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:*

1. *Tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-atturi fis-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) liema somma tirraprezenta self brevi manu somministrat mill-esponenti lill-intimati bl-iskop li tigi akkwistata vettura;*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) lill-atturi.*

*Bl-Ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali numru 61/2017 (Dok. E) u tal-Mandat ta' Qbid numru1006/2017 fl-istess ismijiet, u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficcjali kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni."*

Rat **in-nota**[2] ta' Dr Darien Cini prezentata fit-18 ta' Settembru 2017 li permezz taghha espona:

*"Li permezz taghha qieghda ssir ammissjoni inkwantu ghall-ammont dovut minnu u cioe' s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000), filwaqt illi jixtieq jippuntwalizza s-segwenti:*

1. *Il-kreditu pretiz mill-atturi huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konvenuti Amanda Marie Cini u Darien Cini;*

2. *Illi l-istess konvenuti huma ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali;*

3. *Illi din is-somma kienet inghatat lil koppja mill-genituri taghha, u cioe` r-rikorrenti, ghax-xiri ta' karozza AUDI, stante li la Dr Amanda Cini, u anke r-rikorrenti konjugi Vella, ma kinux kuntenti li t-tifla taghhom tixtri karozza tad-ditta KIA li l-konvenuti kienu jaffordjaw;*

4. *Illi mal-bidu tal-proceduri ta' separazzjoni tal-konvenuti, l-genituri tal-konvenuta Amanda Cini ghamlu talba ghar-radd lura tas-somma li tammonta ghal ghoxrin elf ewro (€20,000);*

5. *Illi l-konvenut Darien Cini qatt ma ikkontesta l-hlas tas-sehem tieghu* ***u dan minkejja illi ma jirrizulta minn imkien terminu ghall-hlas u***

[2] Folio 23

***ghalhekk ihoss illi m'ghandux jigi penalizzat bl-ispejjez ta' din il-kawza;***

6. *Illi f'Lulju 2017 waqt li l-konvenuti kienu ghaddejjin bil-proceduri ta' seperazzjoni, l-atturi intavolaw mandat ta' qbid kawtelatorju fuq il-vettura li juza' l-esponent biss, u dan sabiex il-konvenut Darien Cini jisfa' bla vettura bil-konsegwenza illi jkun aktar difficli ghalih li jmur ghax-xoghol u jigbor il-minuri ghall-access;*

7. *Illi sabiex jinheles mill-effetti tal-mandat, il-konvenut Darien Cini ddepozita s-somma kollha ta' ghoxrin elf ewro taht l-Awtorita' tal-Qorti, kif ukoll l-ispejjez u d-drittijiet professjonali tac-cedola ta' depozitu,* ***u dan minghajr pregudizzju ghal kull dritt ta' azzjoni spettanti lilu kontra l-konvenuta martu Amanda Cini."***

Rat **in-nota**[3] ta' Dr Amanda Marie Cini prezentata fil-25 ta' Settembru 2017 li permezz taghha espona:

*"Li permezz taghha u in vista tal-ammissjoni tal-konvenut l-iehor Dr Darien Cini, tammetti li l-ammont huwa dovut, u li huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li sostanzjalment tichad dak li ntqal fin-nota ta' l-istess Dr Darien Cini, u tirrimetti ruhha ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti b'rizerva ghal kwalsijasi azzjoni spettanti lill-esponenti fil-konfront tal-konvenut l-iehor Darien Cini."*

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Awissu, 2017[4].

[3] Folio 25
[4] Fol.22

Rat lil konvenuti debitament ghazlu li t-tnejn rispettivament jibqghu kontumaci.

B'dan pero illi l-konvenut Dr. Darien Cini prezenta nota li biha ammetta t-talbiet pero kkontesta l-kap spejjez ghar-ragunijiet hemm esposti.[5] Stante dan, Dr. Amanda Cini ukoll ghazlet li b'nota tammetti t-talbiet attrici filwaqt li rrispingiet dak allegat fin-nota ta' Dr. Darien Cini[6].

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet kollha.

**Ikkonsidrat;**

Illi jirrizulta illi l-konvenuta Dr. Amanda Cini hija bint l-atturi/rikorrenti. Bejnha u bejn l-konvenut Dr. Darien Cini hemm pendenti kawza ta' separazzjoni.

Jirrizulta wkoll illi ghalkemm fil-maggor parti taz-zmien l-konvenuti rrikonoxxew id-debitu dovut lejn il-konjugi Vella baqghu inadempjenti lejhom fil-hlas minhabba l-pendenzi bejniethom ghax-xoljiment tal-kommunjoni ta' l-akkwisti. Pero' kif sewwa inghad fit-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti, in risposta ta' l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuti ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12[7], il-konvenut Dr. Darien Cini kkontesta l-istess dejn.[8] Naqas pero' jghid li l-istess ghamlet martu Dr.Amanda Cini [9].

Dr. Darien Cini jikkontesta biss il-kap ta' l-ispejjez u dan skont dak minnu espost fin-nota tieghu suriferita. Jargumenta illi l-atturi avvanzaw il-pretensjoni

[5] Fol. 23
[6] Fol 25
[7] Fol 12
[8] Fol 17.
[9] Fol 18

taghhom ghal hlas darba li bejn il-konvenuti nbdew il-proceduri ghal separazzjoni personali. Tant li zied li huma anke prezentaw mandat ta' qbid fuq vettura li juza **biss**[10] hu**.** Konsegwenza ta' hekk biex jehles il-vettura mill-effetti tal-mandat, hu gie kostrett illi jiddeposita s-somma kollha dovuta lil konjugi Vella.[11]

Mir-ricerki li ghamlet din il-Qorti jirrizulta li bejn il-konvenuti nfethu proceduri ta' medazzjoni fis-27 ta' Frar, 2017 u giet istitwita l-kawza ghas-separazzjoni 16 ta' Novembru ta' l-istess sena. L-ittra ufficcjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 giet prezentata fis-7 ta' Lulju, 2017 u din il-kawza fit-2 ta' Awissu wkoll ta' l-istess sena.

Ghalkemm bla dubbju l-konjugi Vella ghandhom kull dritt jikawtelaw il-pretensjonijiet taghhom aktar u aktar fl-isfond ta' dak li qed jigri bejn il-konvenuti, ma tista' qatt il-Qorti taqbel u tapprova ma' l-uzu ta' process gudizzjarju bhala vendikazzjoni fuq terz, 'l imsejjah *arm twisting,* attitudni ghal kollox odjuza u abusiva li ma taghmilx dehen lil utent taghha. Dan qed jinghad biss minhabba l-allegazzjoni mressqa mill-konvenut biex jiddefendi ruhu mill-ispejjez. Pero' ghal din il-Qorti dan jibqa' biss spekulazzjoni u xejn aktar. Oltre hekk mhux kompitu taghha li tidhol fil-mertu ta' dak li qed jigri bejn il-partijiet fis-separazzjoni taghhom u lanqas fuq kwistjonijiet rigward terminu ta' hlas li huma ben regolati bil-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

**Konsegwentement meqjusa l-ammissjoni rispettiva tal-konvenuti qeghda tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lil konvenuti huma debituri bejniethom ta' l-atturi fis-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) liema somma tirraprezenta self *breve mano* somministrat mill-esponenti lil konjugi Cini bl-iskop ta' l-akkwist ta' vettura.**

---

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.
[11] Cedola ta' depositu fol 20.

**Tikkundana ghalhekk lil konvenuti jhallsu somma fl-ammont ta' ghoxrin elf ewro**.

**Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti ugwalment bejniethom**.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**